MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 109/2010

**Alert Communications Limited (C23487)**

**vs**

**Class Company Limited (C6387)**

**Il-Qorti,**

Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat rikors nhar it-30 ta' Marzu 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, erba' mija w hamsa w tmenin Ewro w disgha w erbghin centezmu (€5,485.49) bl-imghax u bl-ispejjez, liema somma hija certa, likwida u li ghalqet. Din is-somma tirrapprezenta bilanc ghax-xoghol fornut lilha mis-socjeta' rikorrenti fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stess fuq *e-commerce portal*, u dana kif jidher minn kopja tal-fatturi hawn annessi (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok A).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali ezekuttiva datata 11 ta' Jannar 2010 (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok. B) li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Class Company Limited li giet prezentata fil-15 ta' April 2010 fejn eccepiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' esponenti m'ghandha ghalfejn tirrifondi ebda flus lis-socjeta' rikorrenti, billi din qatt ma rceviet flus minghandha.*
2. *Illi in oltre mhux minnu dak allegat mis-socjeta' rikorrenti w cioe' illi l-ammont pretiz huwa cert, likwidu w dovut, u dana billi kif taf ben tajjeb l-istess socjeta' rikorrenti, l-ammont pretiz huwa kontestat u dana stante illi mhux minnu illi l-istess socjeta' rikorrenti forniet ix-xoghol li tieghu qed jintalab il-hlas.*
3. *Illi x-xoghol fornut lis-socjeta' rikorrenti huwa wiehed inkomplet w inadegwat u m'ghandu l-ebda utilita' ghas-socjeta' esponenti, billi dan ma jistax jintuza ghall-iskop illi ghalih gie ordnat.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2010 fejn is-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha, w ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess eccezzjoni.

Illi nhar il-5 ta' Ottubru 2010 xehdet **Claudine Cassar** u spjegat illi hija tokkupa l-kariga ta' Managing Director mas-socjeta' attrici. Iddikjarat li l-ewwel komunika li kellha mas-socjeta' konvenuta kienet fl-ahhar t'Ottubru 2007. Qalet li fil-fatt ikkomunikaw maghhom u talbuhom sabiex jibnu *web site* biex ibieghu il-prodotti taghhom *on line*. Is-socjeta' attrici mbaghad iltaqghet maghhom u kellhom laqgha fit-tul, fejn is-socjeta' konvenuta spjegat dak li kellha bzonn, u cioe' x'kienet qed tirrikjedi. Huma fil-fatt ippreparaw faxxikolu bi *quotation* dwar x'kien ser ikollha din il-*web site* u kif kienet ser effettivament topera. Hija esebiet kopja ta' dan il-faxxikolu li gie mmarkat bhala Dok CSH. Tenniet li baghtulhom dan il-faxxikolu f'Dicembru

2007 u fit-2 ta’ Jannar 2008 infurmawhom li kienu lesti li jkomplu bil-progett. Stqarret li rcevew *fax* iffirmata mid-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta, li giet esebita w immarkata bhala Dok. CSH 1, fejn kien hemm miktub liema parti tal-*quotation* kienu ser jikkummissjonaw. Qalet li huma kienu sorprizi b’dak li kienu ordnaw, ghaliex dan fisser li ma kienux ser ibieghu mill-*web site on line*. Cemplulhom u kkonfermaw li hekk kienu ddecidew. Qalu li riedu li jkollhom biss katalogu tal-oggetti li kellhom ghall-bejgh.

Ziedet tghid li mbaghad bdew bl-inkarigu taghhom fil-gimghat ta’ wara l-11 ta’ Frar 2008, u huma bdew juruhom id-disinji taghhom. Qalet li kien zmien meta s-socjeta’ konvenuta kienet qed tiddiskuti jekk kellhiex bzonn tbiddel il-*logo* taghha w kwisjtonijiet ta’ *branding* u ghalhekk il-process tad-disinn kien dam sejjer ftit. Qalet li huma ppersistew u baghtu diversi disinji wiehed wara l-iehor, sakemm fit-8 ta’ Mejju ddecidew li jaccettaw id-disinn taghhom. Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. CSH2, iffirmat minn Robert Tua bhala Direttur tas-socjeta’ konvenuta, fejn gew inkarigati sabiex jipprocedu. Qalet li huma bdew jahdmu fuq is-sistema w anke dahlu l-prodotti tas-socjeta’ konvenuta fis-sistema tal-kompjuter, u dan minghajr hlas, u qalet li f’Gunju 2008 kienu lesti sabiex jaghmlu l-*launch* relattiv. Qalet li pero’ s-socjeta’ konvenuta xtaqet li jkollha *ordering form on line* u ghalhekk regghu iltaqghu sabiex jiddiskutu r-*requirements* godda w baghtulhom *quotatio*n ghal dan ix-xoghol, liema *quotation* tinsab esebita fl-atti w immarkata bhala Dok CSH3. Dwar dan pero’ qalet li ma rcevew l-ebda risposta.

Ghamlet referenza ghal fol. 6 u fol. 7 ta’ dan l-istess Dok CSH3, u qalet li minn ezami taghhom jirrizulta kemm effettivament griet warajhom, u regghu bdew jiddiskutu dak li kellhom bzonn mill-gdid. Ghalhekk f’Settembru 2008 hargu *quotation* ohra li kopja taghha giet esebita w immarkata bhala Dok CSH4. Qalet li l-konvenuti kienu kuntenti, tant li kkumissjonaw ix-xoghol u hargu *purchase order* skond id-Dok. CSH5.

Iddikjarat li waslu fi stadju fejn originarjament il-*website* li huma xtaqu fil-bidu kienet lesta, pero' kienu ziedu hanut mal-*website*. Qalet li huma bdew jigru bix-xoghol ghaliex l-ordnijiet tant kienu jinbidlu li xtaqu jlestu minn kollox. Iddikjarat li fis-6 t'Ottubru 2008 ix-xoghol waqaf ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kellhiex sistema tajba tal-*codes* ta' kull prodott li kienu bi hsiebhom ibieghu, u ghalhekk kienu qed jirrinfaccjaw hafna problemi. Ghamlet referenza ghal Dok. CSH3, fol. 11, e-mail datata 24 ta' Ottubru 2008 fuq dan il-punt. Qalet li waslu f'punt fejn kien hemm hafna oggetti minghajr *code*, u ghalhekk ma setghux ikomplu.

Ikkonfermat li huma rcevew il-*file structure* fit-12 ta' Frar 2009 u bdew jahdmu fuqu mmedjatament, u fis-17 ta' Marzu 2009 kollox kien lest, kif jidher minn fol. 13 tad-Dok CSH 3. Huma ghamlu d-*delivery* izda l-klijent rega' ried xi haga differenti. Huma xtaqu jaghmlu l-*launch* ta' dak li kien lest sa dakinhar, izda s-socjeta' konvenuta ma riditx ghaliex fil-fehma taghhom kien impossibli w xtaqu li jkun hemm *automatic product updating* fis-sens li jekk xi oggett jigi *out of stock* jisparixxi awtomatikament mill-*website*. Qalet li ghal darb'ohra hargu *quote* ghal din iz-zieda u a fol. 14 tad-Dok CHS3 hemm referenza li s-socjeta' konvenuta accettaw din il-*quote*.

Tenniet li fil-gimghat ta' wara d-*developer* taghhom ghamel *liaison* maghhom u fis-7 ta' Mejju rcevew *e-mail* li tinsab a fol. 14 tad-Dok. CSH3 li ghal darb'ohra xtaqu li jaghmlu xi tibdil fid-disinn. Huma accettaw li jaghmlu dan sahansitra anke bla hlas sabiex ilestu din il-pendenza. Ghamlu t-tibdil ghal darb'ohra izda fil-15 ta' Mejju 2009 ircevew lista ohra ta' tibdiliet li fil-fehma taghhom kienu pjuttost drammatici, w dawn jinsabu elenkati a fol. 15 tad-Dok CSH3. Is-socjeta' attrici harget *quotation* ohra u ma semghu xejn aktar minghand il-konvenuti wara din id-data.

Kompliet tghid li meta l-*project manager* ma setax jasal maghhom is-sitwazzjoni spiccat ghandha bhala Direttur. Hija pprovat iccempel sabiex taqbad ma' Johann Farrugia, impjegat tas-socjeta' konvenuta, w fil-fatt anke *e-mails* baghtitlu izda ma wegibhiex, pero' wara xi zmien qabditu

w dan qalilha li ma kienux aktar interessati fis-sistema ghaliex ma kellhiex *systems analysis*. Hija kienet sorpriza ghaliex ghalkemm is-sistema kienet ilha *online* ghal sena w tlett xhur, qatt ma kienu qalulha b'dan l-ahhar ilment anzi kellha e-mails li bihom gharfuha li l-website kienet intoghgbot. Wara, fl-istess telefonata, kellimha Richard Cachia, il-Financial Controller, u qalilha li ma kinux ser ihallsu ghas-servizz ghaliex ma kinux kuntenti bih u ghax kienu damu wisq. Spjegat illi hija kienet se tibghatlu rapport biex turih li d-dewmien kien gej kollu min-naha taghhom. Kopja ta' dan ir-rapport giet esebita w immarkata bhala Dok CSH 6 li tikkonsisti b'e-mail li baghtet lil Robert Cachia fis-7 ta' Settembru 2009, wara liema e-mail ma kellhomx komunikazzjoni mis-socjeta' konvenuta.

Fit-22 t'Ottubru 2009 kellhom laqgha fejn ghall-ewwel darba hi flimkien ma' impjegat taghha Tim Buttigieg ltaqghu mal-External Consultant Melvyn Xuereb u prezenti kien hemm ukoll Robert Tua li kien iffirma l-ftehim, Richard Cachia u Farrugia. Stqarret li f'din il-laqgha haduha hazin hafna tant li kellu jkun Cachia li jikkalma lid-Direttur Tua mill-agir tieghu li sar fil-konfront taghha. Dan Xuereb beda jilmenta minn xi affarijiet zghar li xtaq li jinbidlu. Ftehmu li Xuereb kellu jaghmel lista tal-affarijet li m'ghogbuhx, liema lista sussegwentement giet esebita w immarkata bhala Dok CSH 7. Meta ezaminatu ndunat li l-konvenuti kwazi xtaqu jibdew mill-bidu ghaliex baghtu *website requirements anaylsis* generali. Qalet li kienu qed jitolbu affarijiet li kienu differenti minn dawk li kienu ordnaw qabel.

Ikkonfermat li mhux il-*website* li bnew huma kienet hazina, izda li l-klijenti kienu dejjem ibiddlu l-hsieb ta' dak li xtaqu. Hija regghet ikkomunikat mieghu izda hu ried il-*password* u l-*link* sabiex jaghmel uzu mis-*site*. Dan hu konfermat mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok CSH 8.

Huma mbaghad ghamlu laqgha bejniethom ghaliex hassew li l-konvenuti kienu qed jidhku bihom, u ddecidew li jibaghatulhom dak li kienu qed jitolbu. Ftit wara rcevew l-analizi tal-*website*. Esebiet kopja ta' din l-analizi li giet

immarkata bhala Dok CSH 9. Huma hasbu li kollox kien lest izda l-konvenuti regghu ghamlu referenza ghal dak li kien hemm sollevat fid-Dok. CSH 7. Huma ddikjaraw li kienu lesti li jaghmlu dak kollu li gew mitluba jaghmlu skond id-Dok. CSH 7 izda riedu jithallsu, allura kkalkulaw il-hinijiet rikjesti ghal dan ix-xoghol, izda l-konvenuti riedu li kollox isir bla hlas. Minn dakinhar 'il quddiem is-sitwazzjoni ma nbidlitx u huma baqghu ma thallsux l-ammont mitlub fir-rikors promotur.

**Claudine Cassar** regghet xehdet fis-7 ta' Dicembru 2010 u ghamlet referenza ghal numru ta' dokumenti immarkati minn Dokument CSH 10 sa CSH 19. Ikkonfermat illi l-ammont imsemmi fir-rikors promotur taghha, dak ta' hames t'elef, erbgha mija u hamsa u tmenin ewro u disgha u erbghin centezmu (€5,485.49) ghadhom dovuti sal-lum, kif jirrizultaw mill-*istatements* esebiti fl-atti mmarkat bhala CSH 10 datat Novembru 2010 u li jaghmel referenza globali ghal Dok CSH 11, CSH 12, CSH 13 u CSH 14, jirreferi ghall-i*nvoices* li kienu ghadhom pendenti li huma ma thallsux taghhom. Esebiet is-*supporting documentation* ghal dan l-i*statement* li gew immarkati bhala Dok CSH 15, CSH 16, CSH 17 u CSH 18.

Rat in-nota prezentata mis-socjeta' attrici esebita a fol. 61 tal-process fejn hemm esebiti d-dokumenti li ghamlet referenza ghalihom Claudine Cassar fix-xhieda taghha tas-6 ta' Dicembru 2010.

Rat l-affidavit ta' **Johann Farrugia** esebit permezz ta' nota nhar id-19 ta' Jannar 2011 (fol. 74). Ix-xhud spjega illi huwa jahdem bhala IT Administrator mas-socjeta' konvenuta w ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar erba' snin. Iddikjara li fil-bidu tas-sajf tas-sena 2007 il-*management* tas-socjeta' fejn jahdem iddecieda illi kellubzonn *website* li bhala *feature* ikollha *on line ordering* ghal *wholesale*. Spjega li l-frazi teknika hija '*B2B On Line Ordering'* u '*On line Shopping'* u dana fis-sens li filwaqt illi fil-kaz ta' *Online Shopping* il-klijent ihallas *online*, fil-kaz ta' '*B2B Online Ordering'* il-klijent kull ma jaghmel hu li jaghmel l-ordni, izda ma jkunx hemm il-hlas *online*.

Qal li s-socjeta' konvenuta ddecidiet li tafda lis-socjeta' attrici bil-kostruzzjoni ta' din il-*website*. Tenna li kien ghamel kuntatt ma' din il-kumpanija w kellhom laqgha preliminari ghal habta t'Ottubru 2007 u ghal din il-laqgha mieghu kienu prezenti d-Direttur Robert Tua ghas-socjeta' konvenuta w Alexia Bannister ghan-nom tas-socjeta' attrici. Qal li f'din il-laqgha huma spjegaw dak li kellhom bzonn u x'*features* riedu. Spjega lil Alexia Bannister l-iskop principali ghalfejn riedu din il-*web site* u cioe' li din kellha turi l-informazzjoni dwar il-kumpanija, xi prodotti toffri, kif ukoll sabiex l-ordnijiet jibdew isiru *on line*, u b'hekk itaffu ftit mit-telefonati numeruzi illi jidhlu sabiex jordnaw il-prodotti taghhom.

F'Dicembru 2007 huma rcevew dokument minghand is-socjeta' attrici fejn gew moghtija *price list* tal-affarijiet kollha li huma joffru. Kopja ta' dan id-dokument giet esebita w immarkata bhala Dok CSH1. Enfasizza li dan id-dokument ma kienx *quotation* izda *price list* minn fejn kellhom jaghzlu l-prodotti li xtaqu.

Qal li wara, huwa kien ghamel lista tal-items kollha li xtaqu, u wara li d-Direttur taghhom Robert Tua kien approva l-lista, nhar it-22 ta' Jannar 2008 huwa baghtha b'*fax* lis-socjeta' attrici. Din hija esebita w immarkata bhala Dok. CSH 2. Cahad dak li kien gie allegat minn Claudine Cassar li f'Jannar 2008 huma kienu ddecidew li jaghmlu katalgu biss. Insista li huma kienu ghamlu l-posizzjoni taghhom cara sa mill-bidu nett, u cioe' li riedu *online ordering system.*

Tenna li huwa qatt ma kien iltaqa' ma' Claudine Cassar hlief meta nqalghet il-problema bejn is-socjetajiet kotendenti. Ikkonferma li fl-1 t'April 2008 huma kienu baghtu lil Alexia Bannister lista tal-prodotti li xtaqu li jigu elenkati fuq il-*web site* u fil-fatt esebixxa kopja tal-*e-mail* relattiva li giet immarkata bhala Dok JF. Tenna li kienu cari hafna rigward dak li xtaqu w specifikaw liema prodotti setghu jigu ordnati *online* u dawk li ma setghux, u fl-istess *e-mail* kien immarka bl-isem **'ORDER'** hdejn dawk il-prodotti illi setghu jigu ordnati filwaqt li uza l-kelma 'INFO' hdejn dawk il-prodotti illi wiehed ma setax jordna.

Qal li fl-4 t'April 2008 kien baghat *e-mail* lil Alexia Bannister fejn talabha parir professjonali dwar jekk il-menu kellux ikun vertikali jew orizzontali, izda din qatt ma rrispondietu.  In segwitu, fis-17 t'April ircevew *e-mail* minghand Alexia Bannister bid-disinn skond il-lista tal-prodotti li kien baghat fl-1 t'April 2008. Huwa talabha li l-menu jkun vertikali w ghalhekk saret l-emenda relattiva w fit-8 ta' Mejju, 2008 approvaw id-disinn.

Cahad dak li qalet Claudine Cassar li huma kienu baghtu disinn wara l-iehor izda insista, kif gja xehed qabel, li l-ewwel disinn li rcevew kien fis-17 t'April 2008, u dan kien gie approvat minnhom wara li kienu pproponew tibdil zghir konsistenti primarjament fit-tibdil tal-menu minn orizzonatali ghal vertikali, w cioe' fit-8 ta' Mejju 2008.

Wara l-konferma min-naha taghhom tad-*design*, is-socjeta' attrici damu sas-17 ta' Gunju biex integraw id-disinn mal-*content management system.* Dan ma jfissirx illi l-*website* kienet lesta, izda biss li l-kontenut, fis-sens ta' informazzjoni, kien hemm u kellhom il-facilita' illi ibiddlu jew ivarjaw il-kliem, izda l-funzjonalita' tal-*'online ordering'* ma kinitx ghadha lesta.

Sahaq li ghalkemm Claudine Cassar ddikjarat li f'Gunju 2008 is-socjeta' attrici kienet lesta sabiex taghmel il-*launch* tal-*web site*, huwa qatt ma gie mgharraf b'dan. Tant hu hekk li fit-13 ta' Gunju 2008 huwa baghat *e-mail* lil Alexia Bannister li kopja taghha hi esebita w immarkata bhala Dok JF 2, fejn staqsiha meta kienet ser turihom l-ewwel *designs* tal-*online store*.

B'referenza ghad-dokument CSH 4 esebit minn Claudine Cassar rigward *addition of a shipping cart system*, ippreciza illi din il-*quote* intalbet mhux ghaliex huma kienu ddecidew illi jbiddlu xi haga minn dak li kienu talbu originarjament. Meta ghamlu l-ordni originali kienu ordnaw '*On line Store'* u '*Product Catalogue'* (Dok CSH 17).  Qal li f'mohhu *'On line store'* ifisser illi wiehed jista' jaghmel ordni *online*, izda sussegwentement gew infurmati illi dan ma kienx il-kaz, u li kien sempliciment *product list*. Huwa

ma qabilx ma' dan ghaliex f'mohhu *'Product Catalogue'* hija lista tal-prodotti filwaqt li '*online Store'* hija facilita' illi thalli lill-klijent jordna '*online'*. Qal li huma gew infurmati dwar dan proprju meta x-xoghol kien diga' wasal fi stadju avvanzat u kienu gew infurmati illi kellhom bzonn prodott li jismu '*Shopping Cart and Check Out System'*. Fl-opinjoni tieghu din kienet strategija biex lilhom jorbtuhom u sussegwentement igieghluhom ihallsu aktar biex ikollhom prodott komplut u kif verament kienu xtaqu huma. Huma ma kellhomx triq ohra hlief illi jordnaw dan ix-'*Shopping Cart',* u ta' dan riedu jhallsu elf u disgha w erbghin Ewro (€1,049) aktar.

Sostna li bhala fatt din ix-*'Shopping Cart'* qatt ma tlestiet kompletament u ghalhekk ma setghetx tintuza ghall-bzonnijiet taghhom. In oltre qal li f'Ottubru huma kienu qeghdin jistennew ix-xoghol tax-*'shopping cart'* jitlesta, pero' dan qatt ma tlesta. Is-socjeta' attrici kellha l-informazzjoni kollha rikjesta sabiex tizviluppa din is-sistema tax-*'Shopping Cart',* u dan ghaliex huma kellhom il-file bil-lista tal-prodotti taghhom sa mid-29 ta' Lulju 2008. Lejn nofs Ottubru 2008 kienu rcevew l-ewwel verzjoni tax-*'Shopping Cart'* izda din kellha numru ta' nuqqasijiet illi dehru evidenti dak il-hin. Dan ghamluh permezz ta' *e-mail* datata 20 t'Ottubru 2008, kopja ta' liema *e-mail* giet esebita w immarkata bhala Dok JF 3. Qal li jumejn wara s-socjeta' attrici kienet infurmathom li numru t'affarijiet ma setghux isiru, filwaqt li whud minnhom setghu isiru izda *'at a charge'* u riedu johorgu *quotation* ohra.

F'Novembru 2008 kellu laqgha ma' Timothy Buttigieg li kien il-persuna li kien ha *over* minghand Alexia Bannister, li dak iz-zmien ma kinitx ghadha tahdem mas-socjeta' attrici. L-iskop tal-laqgha kien sabiex jipprovaw isibu soluzzjoni ghall-problema li kien hemm.

Fis-16 ta' Jannar 2009 kien ircieva l-*link* bl-*update* tal-*website* li kienet tinkorpora x-*'Shopping Cart'* izda din ma kinitx fi stat li tintuza billi kien hemm numru ta' nuqqasijiet. Huwa kien tkellem ma' Joe Martin Cefai illi kien id-*developer* tal-*website* fejn gibidlu l-attenzjoni ghal xi nuqqasijiet illi dak il-hin dehru evidenti.

Sussegwentement kien hemm numru ta' laqghat u korrispondenza bejniethom, u dana dejjem bil-ghan illi jissolvew numru ta' problemi, jew ahjar nuqqasijiet illi kien hemm.

Fit-3 t'April 2009 saret laqgha mas-socjeta' attrici fejn regghu attirawlhom l-attenzjoni illi l-prodott ma kienx ghas-sodisfazzjon taghhom, billi kien hemm numru ta' nuqqasijiet illi minhabba fihom il-prodott ma kien ta' l-ebda uzu ghalihom.

Apparti l-problema relatata max-*'Shopping Cart'* li baqghet ma gietx solvuta, kien hemm problema ohra w cioe' li bis-sistema illi kienet saret mis-socjeta' attrici huma ma setghux jaghmlu *update* tal-prodotti taghhom, minghajr ma jaghmluha tramite s-socjeta' attrici. Din il-haga ma kinitx prattika ghalihom u ghalhekk riedu tali facilita' billi ma kienx prattiku li jiddahlu numru ta' prodotti manwalment fis-sistema.

Minkejja li huma kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici b'dak illi kienu ftehmu m'Alexia Bannister, dawn xorta talbuhom ihallsu aktar biex ikollhom din il-facilita', w fit-8 t'April 2009 ircevew *quote* ohra. Huma accettawha w dan billi f'dak l-istadju ma setghux jaghmlu mod iehor.

Wara April 2009 huwa rega' baghat numru ta' *e-mails* fejn elenka xi whud min-nuqqasijiet illi kien hemm, izda kull darba kienu jigu rinfaccjati bi *quotes* godda ghal kull haga, anke ghal dawk zghar. Iddecidew li jaghmlu laqgha mas-socjeta' attrici billi hassew li din is-sitwazzjoni ma setghetx tibqa' sejra kif kienet. Din il-laqgha saret f'Ottubru 2009 u ghaliha attendiet Claudine Cassar ghan-nom tas-socjeta' attrici w kien hemm Robert Tua fl-interess tas-socjeta' konvenuta. Kienu nfurmaw lil Claudine Cassar li ma kienux kuntenti bis-servizz. Ix-xhud kompla jghid li fl-ahhar ta' Jannar Timothy Buttigieg kien staqsih ghal xi files b'lista tal-klijenti taghhom. Huwa baghathomlu immedjatament, u kienu ghand is-socjeta' attrici fit-28 ta' Jannar 2009. Huwa ircieva update minghand is-socjeta'

attrici tnejn u hamsin jum wara, w cioe' fl-20 ta' Marzu 2009.

Qal li fit-3 t'April 2009 huwa mar ghand is-socjeta' attrici w iltaqa' ma' Timothy Buttigieg biex jara kif seta' jaggorna l-lista tal-prodotti taghhom. Izda Buttigieg qalilhom li s-sistema li kellhom ma kinitx wahda fejn setghu jaghmlu tali *'updates'* f'daqqa, izda wahda wahda, jew inkella jqabbdu lilhom biex japlowdjawhom kollha f'salt. Tenna li ghalihom ma kienx possibbli li joqghodu jaggornaw il-prodotti wahda wahda ghaliex kellhom hafna prodotti. Huma talbu lis-socjeta' attrici soluzzjoni biex jaggornaw il-lista tal-prodotti fuq il-*website*, izda ghal darb'ohra s-socjeta' attrici baghtitilhom *quotation* ohra. Din kienet il-*quotation* maghrufa bhala *Automatic Product Updating* li giet immarkata bhala Dok JF4.

L-*Automatic Product Updating quote* m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li qalet Claudine Cassar, u ghalhekk qal li ghalih is-socjeta' attici ma fehmitx sew dak li huma kellhom bzonn. Qal li meta kien tkellem m'Alexia, kien qalilha li ma kienx possibbli li jdahhlu prodott wiehed wiehed fis-sistema, w dan ghaliex ghandhom eluf ta' prodotti. Illi huma ma kellhomx triq ohra salv li jaccettaw il-*quotation* il-gdida, ghaliex fin-nuqqas kienu jitilfu dak kollu li kienu hallsu, w ghalhekk fis-7 ta' Mejju 2009 huma accettaw din il-*quote*.

Tenna li 'n segwitu' talbu xi affarijiet zghar u ghal darb' ohra s-socjeta' attrici riedu jithallsu, w ghalhekk hass li kellu jkellem lis-superjur tieghu Robert Tua sabiex ibiddlu s-*supplier* taghhom appena l-*website* titlesta. Spjega li waqt li l-*website* kienet qed tinbena dejjem ikun hemm komunikazzjoni kontinwa bejn il-klijent u s-*supplier*. Il-klijent dejjem jaghti l-*feedback* tieghu dwar il-*website* li qed tinhadem ghalih u l-klijent ghandu d-dritt li dak li ma joghgbux ikun jista' jirrangah qabel il-*website* tigi finalizzata. Fil-kaz tas-socjeta' konvenuta, kull darba li xtaqu jaghmlu dan, gew rinfaccjati bi *quotes* godda. Enfasizza li s-socjeta' attrici ghamlitielhom impossibbli li l-*website* titlesta u tkun attiva ghall-bzonnijiet taghhom. Ghall-habta ta' Gunju 2009 is-socjeta' konvenuta qabdet

lill-konsulent Melvin Xuereb biex jaghmel rapport fuq ix-xoghol li kien sar, u x'jonqos biex il-*website* titlesta. Dan ir-rapport huwa esebit fl-atti w immarkat bhala Dok JF 5. Qal li minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li hemm numru ta' nuqqasijiet u dawn kienu gja gew diskussi bejnu w Timothy Buttigieg, pero' dawn ma gewx solvuti ghaliex is-socjeta' konvenuta ma approvatx il-*quotes* il-godda.

Ix-xoghol waqaf f'Gunju 2009. Minn Gunju sa Settembru 2009 ma saru l-ebda avvanzi. Il-progett kien wieqaf u huwa ma regax ikkomunika mas-socjeta' attrici u lanqas is-socjeta' attrici ma kkomunikat mieghu.

F'Ottubru 2009 kien ircieva telefonata minghand Claudine Cassar fejn staqsietu xi problema kien fiha l-*website* u hu qalilha li ma setghax ikun li jkomplu jhallsu kull meta jsaqsu ghal xi haga, w din bdiet tkellmu fuq hlas, u huwa qalilha li ma kellux x'jaqsam u li kellha ccempel lil Financial Controller Richard Cachia.

Johann Farrugia qal li ghal darb'ohra fit-22 t'Ottubru 2009 zamm laqgha ma' Claudine Cassar u rapprezentanti ohra miz-zewg socjetajiet, bil-ghan li jaslu ghal xi ftehim, izda dan ma kienx il-kaz. Minflok ftehmu li kellhom jibaghtu lista tan-nuqqasijiet li kien ghad hemm pendenti.

Fit-28 t'Ottubru 2009 Melvin Xuereb baghat id-dokument bin-nuqqasijiet li skond hu kien fiha l-*website*. Dan huwa l-istess dokument li jinsab immarkat bhala Dok JF 5. Ghamel referenza ghal dokument JF 6 fejn fit-taqsimiet kollha hemm *80% complete* u b'hekk dan ifisser li kien ghad hemm xoghol xi jsir. Qal li l-analizi li ghamel Melvyn ghadha tghodd sal-lum, u dan ghaliex ma sar l-ebda tibdil minn dak iz-zmien 'l hawn. Min-Novembru 2009 'l hawn huma qatt ma gew mgharrfa li kien ser isir xi tibdil jew li gew konkluzi t-tibdiliet indikati fil-pagni 9 u 10 ta' Dok. JF5.

Nhar is-16 ta' Marzu 2011 **Johann Farrugia** rega' xehed in kontro-ezami w ikkonferma li d-dokument "CSH1" huwa dokument mahrug minn Alert Communications, u meta fl-affidavit tieghu jaghmel referenza ghal Dokument CSH,

huwa ried ifisser Dok CSH1. Qal li din mhix kwotazzjoni ghax kwotazzjoni jkollha t-total kemm se jigi l-prezz, izda hija lista ta' prezzijiet u s-servizzi varji li toffri l-istess socjetà.

Meta gie muri pagna 40 tad-dokument "CSH," u gie mitlub jikkummenta dwaru, qal illi dawn huma *specifications* vagi ta' servizzi moghtija mis-socjetà attrici. Fis-sens li huma *specifications* ghal kwalsiasi *website*.

Meta b'referenza a fol. 27 tad-dokument "CSH", huwa gie mitlub jghid jekk dawn humiex specifici ghal prodott taghhom, Farrugia wiegeb illi hawnhekk hawn lista ta' *attributes* li huma tajbin. Hawn biss *specification* fuq prodott wiehed – ta' *contact lenses*.

Dwar id-dokument "CSH1" spjega li dak huwa l-*Purchase Order* maghmul minnhom – stage one (1).

Meta gie muri fol. 34 tad-dokument "CSH1" qal li huma ma tawx il-*go-ahead* ghall-*membership section* ghaliex riedu *ordering system* u kienu jkunu huma li jghidulhom x'kellhom bzonn u mhux huma jaghzlu x'ghandhom bzonn. Ma kkommissjonawx *membership section* ghaliex ma kinux jafu x'kellhom bzonn, ghalkemm iddikjara li kkommissjonawha aktar tard.

Spjega li a fol. 32 tal-process hemm *shopping cart* bhala *option,* u qal li huma ma kienux ghazluha izda riedu *on line order,* ghaliex riedu *on line ordering* biss – ***you order the product, mhux you purchase,*** ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jkun hemm ix-*shopping cart*. Insista li huma kellhom bzonn biss *online ordering*.

Kompla li una volta li huma bdew u kkommissjonaw il-process ghall-*web site,* sussegwentement waslu f'punt fejn kellhon bzonn jixtru sezzjoni ohra biex ikunu jistghu jaghmlu *on line shopping* allavolja fil-bidu riedu biss *on line ordering*. U ghalhekk meta waslu ghal dan l-istadju, l-Alert kienu qalulhom li kellhon bzonn jixtru sezzjoni ohra. U allura, peress li kienu già nefqu nofs il-prezz ta' dan il-*website*, kellhom jergghu johorgu tmien mitt Ewro (€800)

ohra. Tenna li gew daharhom mal-hajt u ghalhekk iddecidew li jikkommissjonawlhom ukoll din il-parti.

Muri d-dokument "JF6" u b'mod partikolari r-raba' linja, t-tmien linja *"featured product"* u l-ghaxar linja, ix-xhud spjega li hemm l-i*special offers*. Dawn l-i*special features* li jirrizultaw li kienu bzonnjuzi ghalihom, skond il-konsulent taghhom, ma jidhirx li gew *commissioned* minnhom. Fil-fatt, qal li fid-dokument "JF6" m'hemm l-ebda *stage* ta' *completion* fuqu. Affarijiet li huma ma kkummissjonawx, mhumiex parti mill-tmenin fil-mija (80%) li l-Alert m'ghamlulhomx. Zied pero' li l-*featured products* kienu gew ikkommissjonati minnhom u kien ghalhekk li dahlet ghall-kunsiderazzjoni ghall-percentwali tat-tmenin fil-mija (80%).

Dwar id-dokument "CSH20" spjega li din hija l-korrispondenza li ghaddiet bejn l-Alert Communications u Class. Ikkonferma illi effettivament kien talab li tigi dedotta l-*feature* mix-*shopping cart quote*, u dan skond *e-mail* tas-sittax (16) ta' Settembru 2008. Però f'Jannar ta' wara, cioé fis-sena 2009 kienu ghamlu l-ftehim, li huwa dokument "CSH7", u ghalhekk fejn hemm miktub li huma talbu *featured products* tfisser li kienu ghamlu l-ordni taghhom.

Meta gie mgharraf li effettivament il-kuntratt kien iffirmah qabel ma baghat din l-*e-mail*, ix-xhud jikkoregi x-xhieda tieghu. Qal illi effettivament riedu jnehhu l-*feature* u b'hekk il-prezz taghha jigi *deducted from the cost*. Dan kien jammonta ghal tlett mija w disgha w erbghin Ewro (€349), li jghid li huwa ammont zghir hafna fejn l-affarijiet li mhumiex kompluti.

Kompla jghid li skond dokument "JF6" huma kienu nizzlu l-ammont rigwardanti x-*shopping cart* ghal elf tmien mija w erbgha w sittin Ewro (€1864). Dwar id-dokument "CSH21" stqarr li a fol. 4 ta' dan id-dokument hemm ix-*shopping cart and check out system* li kienet tammonta ghal elf u disgha w erbghin Ewro (€1049). Ammetta li ma jistax iwiegeb ghaliex hemm differenza f'dan l-ammont, u qal illi hemm zball fuq l-ammonti tal-prezz.

Mistoqsi jekk l-affarijiet imsemmija fuq id-dokument “JF6” humiex indikati fil-*purchase order*, wiegeb li m’humiex. Ma jafx ghaliex gew inkluzi fir-rapport tal-konsulent taghhom.

Illi nhar it-30 ta’ Marzu 2011 rega’ xehed **Johann Farrugia** u kkonferma li kien minnu illi s-socjetà Class Company Limited riedet *online ordering system* u mhux *shopping cart system*. Cahad dak li gie allegat lilu illi s-socjetà konvenuta Class Company Limited m’accettatx dak li ghamlet is-socjetà attrici ghaliex fil-fatt huma riedu *online ordering system* u mhux *shopping cart*, izda m’accettatx dak li ghamlet is-socjeta’ attrici minhabba ragunijiet ohra. Huma riedu li l-klijent ikun jista’ jaghmel l-ordni tieghu *online*. Meta huma waslu biex jaraw kif klijent seta’ jibda jordna l-prodotti, is-socjetà attrici qaltilhom li kellhom bzonn l-*item* maghruf bhala *shopping cart* allavolja l-klijent ma kienx se jhallas *online*. Dan saru jafuh wara li gew sabiex jimplimentaw is-sistema. Meta gie muri d-dokument “CSH24” b’mod partikolari ghal pagna erbgha (4) tieghu hemm indikat kemm tqum *shopping cart check out system*. Però ma setghax jghid meta effettivament saret din il-*quotation*.

Ikkonferma li l-firma fuq d-dokument “CSH25” huwa tas-superjur tieghu u kompla jinsisti li accettaw li s-socjeta’ attrici tfornielhom *check out shopping cart system* meta gew daharhom mal-hajt illi ma setghux juzaw l-*online ordering system* minghajrha. Tant hu hekk, illi kienu hallsuhom nofs il-prezz (50%) bil-quddiem ghaliex ma riedux jitilfu l-investiment li kienu ghamlu dwar is-sistema tal-*online ordering.*

Spjega li d-dokument “CSH26” huwa *e-mail* mibghut minn Alexia Bannister fid-disgha (9) ta’ Lulju 2008 lil Class Limited, li taghmel referenza ghall-proposta taghhom dwar *online ordering form*. L-*online order form* imsemmija f’ “CSH26” taghmel referenza ghad-dokument CSH27”. Ikkonferma illi l-*online order form* ikkwotat kien fl-ammont ta’ hamest elf, tmien mija w tlieta w ghoxrin Ewro u tlieta w

erbghin centezmu (€5,823.43). Sahaq ukoll li d-dokument "CSH27" maghruf bhala *"development of the online order"* jirreferi ghal haga ohra w cioe' hija *quotation* sabiex ikunu jistghu jordnaw *optical lenses* fuq il-*website*, mhux bhal prodotti ta' *solutions* jew *contact lenses*, u din ma gietx ordnata.

Illi nhar id-19 ta' Jannar 2011 xehed **Melvin Xuereb** u dan spjega li ghandu socjeta' li tiehu hsieb tikkreja *software* u *IT services,* maghrufa bl-isem ta' Emax Solutions. Ikkonferma li f'Settembru 2009 kien cempillu habib tieghu certu Richard Cachia w qallu li kellu xi problemi biex jaghmel il-*launch* ta' *website* tas-socjeta' Class Company Ltd., liema *launch* kien ilu 'l fuq minn  sena w nofs biex isir. Talbu sabiex imur jara x'kienet is-sitwazzjoni. Enfasizza li mar bhala konsulent u mhux kif gie suggerit lilu li mar biex jaghti xi *quotation* ta' xi *website.* Ezamina s-sitwazzjoni li sab u qal li dak iz-zmien il-*website* li kienet qed tiehu hsieb is-socjeta' attrici, kienet ghadha *in development*. Ikkonferma li verament kien hemm il-*website* pero' ma kinitx kompluta. L-iktar haga importanti hija li din il-*website* kellha tkun bhala *test server* fis-sens illi n-nies ma kellhomx ikollhom access ghaliha. Ghalhekk ghamel analizi dwar dak li sab u dak li effettivament kellu jkun hemm skond ma qalulu xi membri tas-socjeta' konvenuta Class Company Ltd., u sussegwentement ghamel verifiki biex jara jekk l-affarijiet indikati f'Dok. A1 kienux gja nstallati f'din is-sistema. Ghalhekk kienu ddecidew li kellu jiltaqa' wkoll ma' Claudine Cassar ghan-nom tas-socjeta' attrici kif ukoll mad-dirigenti tal-kumpanija konvenuta Class Company Ltd., sabiex flimkien jaghmlu *situation analysis* u jaraw x'kellu jsir.

Ikkonferma li dan il-*meeting* sehh fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2009. Minn din il-laqgha hareg illi huwa kellu jipprezenta rapport sa fejn kien wasal l-izvilupp ta' din il-*website* u x'kien ghad fadal biex tigi kompluta, kif jghidu huma sabiex tigi *live.* Huwa in segwitu ghamel dan l-inkarigu, cioe' kien ghamel rapport u kien baghtu lil Timothy Buttigieg li kien jahdem mal-Alert

Communications Ltd., fejn f'dan ir-rapport huwa indika x'kienu n-nuqqasijiet.

Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li l-Qorti mmarkat bhala Dok. A2. Qal li kien ircieva risposta dwar dan ir-rapport fejn gie mgharraf li kien hemm problemi li jissejhu *bugs* li jfisser li s-*site* ma setghetx tiffunzjona. Iddikjara li kienu qablu mieghu li kien hemm xi nuqqasijiet u x'kienu dawn in-nuqqasijiet, u ftehmu li kellu jirrangahom. Qal li kien gie mgharraf li kellu jkun hemm xi *items* ohra li pero' ma sabhomx hemm. Tenna wkoll li fid-dokument A2 hemm indikati l-kummenti ta' dan Timothy Buttigieg ghal dak li kienu sabu. Qal li l-kummenti taghhom kienu bl-ahmar u l-*photocopy* li ghamlu huma hija kollha bl-iswed. Il-kummenti ta' Timothy Buttigieg huma *highlighted*. In segwitu kienu ftehmu biex jiltaqghu u kienu ftehmu ghas-sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru, 2009. Hemmhekk regghu ghamlu revizjoni ta' dak li kien gie ndikat fir-rapporti taghhom. Qal pero' li s-socjeta' attrici, Alert Communications Ltd., kienet hasset li certu affarijiet li huma kienu qed jippretendu li kellhom ikunu hemm, kellhom ikunu *at an extra cost* u ghalhekk kienu saru xi *quotations*. Il-*quotations* hargu mis-socjeta' Alert Communications Ltd. Ix-xhud ghamel riassunt ta' x'kienu l-*extra items* u gew ikkwotati kif indikati f'Dok. A3.

L-iskop tieghu kien li finalment is-site tigi *live.* Tenna li whud minn dawn l-oggetti ndikati fid-Dok A3 kellhom ikunu nkluzi originarjament fil-ftehim, u kien hemm ohrajn li kienu verament extra. Qal li fir-rapport li esebixxa w li gie mmarkat bhala Dok. A2 hemm indikat x'kienu l-oggetti li huwa hass li kienu extra. Sostna li huwa kien qed jahdem bhala intermedjarju bejn z-zewg (2) socjetajiet kontendenti.

Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet iddispjacuta ghaliex sa dak l-istadju l-*web site* ma kinetx ghadha vizibbli mill-pubbliku minkejja li kienu gja ghaddew sentejn minn meta beda l-process. Finalment spjega li s-socjeta' konvenuta li kien hemm diversi spejjez involuti w ghalhekk f'dak l-istadju s-socjeta' konvenuta ddecidiet li terga' tirrevedi din il-kwistjoni tal-*website*.

Nel frattemp kien ircieva ittra bl-avukat minghand is-socjeta’ attrici Alert Communications Ltd. sabiex isir il-hlas pendenti. U ghalhekk induna li l-process kien gie *stalled* u kellhom jirrevedu s-sitwazzjoni taghhom. Huwa ghamel rapport iehor li gie mmarkat bhala Dok. JF 6. F’dan id-dokument hemm indikat l-*items* tal-*website* li kellhom jigu zviluppati bi prezzijiet li gew ikkwotati mill-istess socjeta’ attrici Alert Communications Ltd. u x’persentagg tal-oggetti kienu tlestew sa dak il-hin. Kien biss wara dan li mbaghad hargu l-ammont reali li kien ghadu pendenti. Ghaldaqstant ta wkoll spjegazzjoni ghaliex kien naqqas is-somma originali. Dan huwa kollu rifless fid-Dok. JF 6.

Huwa esebixxa wkoll rapport dwar dak li fil-fehma tieghu kien sehh f’dan il-kaz li l-Qorti mmarkat bhala Dok. A 4. Qal li s-site ma marritx *live* peress li kienu qed jistennew xi struzzjonijiet mis-socjeta’ attrici. Per ezempju meta kienu jiktbu t-*text* biex jidher fil-*web site* s-sistema ma kinitx izzomm *distinct paragraphs*, kienet qisha qed tghaqqadhom flimkien. Dawn huma kollha *listed* fid-Dok. A 4.

In kontro-ezami nhar is-16 ta’ Marzu 2011, mistoqsi jekk kienx ghamel verifiki biex jara jekk l-oggetti li kienu ordnaw il-konvenuti kienux ordnawhom verament, irrisponda fil-pozittiv. Ikkonfema li kien ra l-proposta li ghamlet is-socjeta’ attrici li tinsab immarkata bhala Dok CSH. Ikkonferma li kien hu li rrediga d-Dok JF6 u qal li dan kien ghamlu meta dahal fis-*site* li kienet ghadha *development area* sabiex jara x’kien gja gie zvillupat mis-socjeta’ attrici, w b’hekk seta’ jara x’kien ghad irid isir bhala xoghol. Qal li dan ghamlu sabiex jaghmel *gap analysis* sabiex jivverifika sa fejn kienu waslu f’dak l-istadju w x’kien ghad fadal li jsir biex ix-xoghol jigi komplut.

Muri l-*purchase order* esebit u mmarkat bhala Dok CSH 1 u mistoqsi sabiex jimmarka fejn kien hemm il-*functionalities* imsemmija fir-rapport tieghu, wiegeb li huwa kien immarkhom fir-rapport tieghu. Dwar is-suggett featured product qal illi hu kien hadmu u sab illi ma

setghux jaghmlu updates tal-featured product minn fuq is-sistema. Ra li kien hemm percentwalita' fuq ammon rigward il-featured product. Effettivament lilu urewh invoice 4327 ghal product catalogue u ghax-shopping cart u check out u kien hemm ukoll invoice 9256 dwarha.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2011 fejn hija innominat lill-espert tekniku Martin Bajada ghaliex kienet tal-fehma li l-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna hija mertu specjalizzat fil-qasam tal-IT u ghalhekk hasset il-htiega li tinnomina tali espert sabiex jassistiha w jara jekk it-talbiet attrici, fid-dawl ta' dak li gie rilevat mis-socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha, ghandhomx jintlaqghu.

Fit-18 ta' April 2012 deher l-Espert Martin Bajada li halef u kkonferma r-relazzjoni tieghu. Dan ir-rapport gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. MB.

**Dr. Martin Bajada** xehed in eskussjoni nhar is-6 ta' Gunju 2012 fejn saritlu referenza ghar-rapport tieghu a pagna 4 paragrafu 17 a fol 153 tal-atti processwali u kkonferma li effettivament ix-xoghol kollu ma kienx gie komplut u il-partijiet qablu wkoll li sa tmenin fil-mija (80%) biss mix-xoghol kien lest. Mistoqsi jekk qabilx man-nuqqasijiet imsemmija minn Melvin Xuereb fid-dokument ipprezentat minnu stess Doc MX2 qal li piu' o meno qabel mieghu. Zied jghid pero' li trid tara jekk kienux saru certu talbiet specifici kif indikat minnu mill-parti l-ohra. Tenna li l-programm rah, is-site dahal fiha, ghax poggewha online, u ghalih id-differenza li kien hemm huwa li per ezempju oggett ma riduhx on the left side meta effettivament kien on the right side, u meta issir xi alterazzjoni din ma' kinetx tidher tajjeb fuq l-iscreen u allura huwa klassifikahom bhala affarijiet estetitici. Qaln kif hemm esebit f'paragrafu 17b li effettivament meta huwa ra il-programm, dan kien ghadu f'tip ta' stage fis-sens li l-programm kien lest installat pero' ma kienx hemm fine tuning tieghu, sakemm rah dan kien ghadu f'dak l-istadju. Meta qaghdu jitkellmu fuq website ma hemmx dubju li l-estetika ghandha importanza kbira. Tenna li fil-program search kien qieghed hemmhekk pero' l-advance search ma kien hemm xejn definit ta' x'jikkostitwixxi l-advance search. Il-prodotti li

kienu ser ikunu ghal bejgh ma' kienux jirrikjedu xi search partikulari, meta inti tissearchja prodott wiehed kont issibu. Ma dahlux fid-database in kwistjoni cioe' biex jara ezattament xi prodotti kellhom jigu provduti, l-advance search pero' ma kienx f'dan il-programm. Huwa jaf wkoll li sar pero' qatt ma kien ser ikun f'idejn is-socjeta' konvenuta. Il-prodott kien ser ikun go cloud jew go cyber space u il-konvenut kien ser ikollu access ghaliha. Tenna li effettivament din kienet on hold, pero' biex il-konvenut wasal ghar-rapport tieghu ex parte minn Melvin Xuereb, ifisser li huwa kellu access ghaliha kif kellu x-xhud. Ikompla jghid li effettivament il-programm li kellu access ghalih u li ezamina u kkonkluda fuqu kien accessibli online. Mistoqsi jekk effettivament disghin fil-mija (90%) il-konvenut setax ikun kuntent jghid li le effettivament, ghax hadd ma kien ser ippoggi website fuq l-internet meta ma tkunx kompluta. Qal ukoll li kien hemm parti li kien open source u kien hemm parti iehor li ma' kienx open source. U ghalhekk mistoqsi jekk il-konvenut setax imur ghand klijent iehor sabiex ikollu il-prodott tieghu finalizzat wiegeb li le ma jistax. Ghalhekk fil-fehma tieghu pero' ghalkemm huwa ghandu disghin fil-mija (90%) biss tal-prodott jista' jispiccah. Tenna li parti sostanzjali minn dan ix-xoghol li kien ordna l-konvenut jinstab fuq l-internet u huwa open source u ghalhekk jista' jigi spiccut. Mistoqsi dwar il-back office ta' dan il-program li ipprovda Alert Communication qal li dan jista' jigi provdut minn kumpanija ohra. Back stage hija kwistjoni li l-administration tieghu hija haga. Back stage diga qieghda fuq il-web site, fuq l-internet li jaqa' fis-source accessibli minn kullhadd. Dwar il-kwestjoni tal-back office hawn prodott li gie zvillupat mis-socjeta attrici li ma huwiex open source u bhalu hemm tas-socjetajiet ohrajn. Kienux jintegraw jew le ma jafx pero' ma dahlux f'dak ir-rigward.

Mistoqsi kemm dan il-prodott huwiex open source u kemm ma huwiex wiegeb li huwa difficli li tghid. Li gie mitlub u gie kommissjonat kien, development ta' web page u l-back office tieghu, l-izvillup tal-web page 90 per cent tieghu fil-fehma tieghu kien komplut. Il-back office qabel ma telaq kollox kien diga komplut. Huwa jizgura li jahdmu mieghu diversi web pages ohra u hu qieghed ihallas il-licenzja biex jaghmel uzu minn din is-sistema.

Naturalment din kienet web site fejn il-konvenut kien ser jesponi il-prodotti li hu ghandu ghal bejgh. L-ghodda li kien hemm li hija bzonnjuza biex tigi mhaddma din il-web site kienet parti mill-ordni li nbieghet u effettivament din tinsab f'idejn il-konvenuta. L-ghodda ghalkemm kienet parti integrali mill-pakkett kollu, kienet tibda tiffunzjona una volta il-web page kollha kienet tkun kompluta. Il-web page pero' qatt ma ntuzat. Il-webpage kienet ghadha fi stadju ta' zvillup, u allura il-webpage ma bdietx tintuza, it-tool ma' bdietx tintuza. Il-web site in kwestjoni hija wahda customised u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ser thallas, sabiex jkolla dan is-servizz ghal uzu ta' din il-web site. Disghin fil-mija tax-xoghol fuq din il-web site kien tlesta, disghin fil-mija tas-servizz inghata. Kieku din il-web site kienet wahda mixtrija *off the shelf,* imma ma' hijiex, kien ikollu ragun il-konvenut jghid li ma' kienetx tiffunzjona ghaliex ma' kienx ikollu il-prodott. Wiehed huwa prodott mixtri off the shelf u l-iehor huwa servizz custom made. Ikompli jghid li bid-disghin fil-mija ta' dan is-serivzz hu ma' jista' jaghmel xejn. Fil-fatt anke jekk huwa inghata ghoxrin jew tletin fil-mija (20-30%) xorta is-servizz ma setax jintuza. Itenni li s-servizz kien gie ordnat mod u spicca inghata goal post differenti, totalment differenti. L-espert zied jghid li fl-ewwel stadju is-socjeta' kontendenti kienu iltaqghu, fejn is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet ordni specifika ta' dak is-servizz li hija kellha bzonn. Dan jirrizulta mid-dokument CSH. Qal li in segwito pero ma zammewx ma' din il-proposal u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta ordnat biss parti minn dik il-proposal. Dik il-parti tal-proposal li huma ordnaw giet konsenjata in full. In segwitu pero' is-socjeta' konvenuta talbet alterazzjonijiet u oggetti ohrajn godda li kienu imsemmija fid-dokument CSH pero' kienu gew jew imcekkna jew zvillupati. Fuq il-pakket kollu l-gdid kien hemm servizz moghti ta' 90 fil-mija. Dwar dawk iz-zidiet li s-socjeta' konvenuta ghamlet maz-zmien, dawn ma' gewx kollha konsenjati, gew konsenjati biss 90 fil-mija minnhom. Ghalkemm is-socjeta' attrici kienet obbligat ruha li tikkonsenjhom fit-totalita' taghhom. Fil-fatt il-kont taghhom finali jinkludi dawn iz-zidiet kollha. Qal li fl-ahhar seduta li l-espert zamm bejn il-partijiet kien hemm ftehim bejn il-partijiet li huma kienu qablu dwar percentagg tax-xoghol li kien

tlesta. Huwa minnu li s-socjeta' attrici riedet tkompli tesegwixxi l-inkarigu sabiex taghti servizz mija fil-mija pero' peress li kien hemm dizgwid bejn il-kontendenti, dan ma sarx. Minn dak li l-espert semgha u mill-provi migbura minnu jirrizulta li s-socjeta' attrici riedet tkompli u tlesti ix-xoghol taghha, pero' Class mill-banda l-ohra riedu l-prodott finali u ghazlu li jikkommisjonaw lil haddiehor u aghmlilhom webpage kompletament gdid. Huwa minnu li l-affarijiet li ma kienux ghadhom spiccuti kienu l-add ons li huma imsemmija fir-rapport ta' Melvin Xuereb. Is-socjeta' attrici kienet lesta wkoll li tirranga certu nuqqassijiet u fil-fatt hekk ghamlet u whud minnhom gew solvuti minnha. Is-socjeta' attrici ma' sabitx soluzzjoni ghall-affarijiet kollha msemmija minn Melvin Xuereb fir-rapport tieghu ghaliex at one time kien hemm li r-relazzjoni taghhom giet maqtugha. Ikkonkluda billi jghid li huma ma waslux ghat-tool ghaliex, it-tool qatt ma' thaddem, u peress li l-web page ma' kinitx lahqet ghall-istadju biex tkun finali. It-tool hija l-licenzja u jekk inti ma' jkollokx uzu taghha inti ma' thallasx licenzja taghha. Huwa minnu li all along kien hemm diversi tibdiliet.

Rat illi giet prezentata nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici fl-10 ta' Lulju 2012.

Ikkunsidrat:

In sintesi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, erba' mija w hamsa w tmenin Ewro w disgha w erbghin centezmu (€5,485.49) rapprezentanti bilanc ghax-xoghol fornut lilha mis-socjeta' konvneuta fuq struzzjonijiet taghha stess fuq e-commerce portal skond il-fatturi esebiti u mmarkati bhala Dok A. Illi pero' s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici principalment peress illi mhux minnu li s-socjeta' attrici forniet ix-xoghol li tieghu qed jintalab il-hlas. In oltre issostni li x-xoghol fornut mis-socjeta' attrici huwa wiehed inkomplut u inadegwat u ma ghandu ebda utilita' ghas-socjeta' konvenuta billi dan ma jistax jintuza ghall-iskop li ghalih gie ordnat.

Illi ma hemmx dubju li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom u cioe' dak li ordnat is-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici u dak li l-istess socjeta' attrici kellha tforni lis-socjeta' konventua ghall-hlas li kienet qed tircievi. Illi ma hemmx dubju li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni dak li ftehmu dwaru l-partijiet fil-ftehim esebit u mmarkat bhala Dok A sabiex tiggudika jekk fir-realta' is-socjeta' attrici verament fornietx dak li obbligat ruhha li taghmel.

Kif tajjeb osservat is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha il-ftehim bejn il-partijiet huwa kuntratt kif komunament maghruf bhala *'pacta sunt servanda'* u ghandu jigi onerat.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Spiteri vs Camilleri et**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 fejn inghad li:
*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fi-lkonvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata".*

Pero' principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Artikolu 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk:

"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.* (ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. -25 ta' Gunju 1996).

Kif osservat il-Prim'Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet '**F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti'**:

***"****Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl****-artikolu 992 (1****), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattruenfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-*

*kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti*."

Ma hemmx dubju l-kwistjoni in desamina hija wahda purament teknika u l-Qorti ghandha tezamina a priori l-ftehim bejn il-partijiet, tara x-xoghol li effettivament gie esegwit mis-socjeta' attrici u fit-tielet lok jekk tali xoghol kienx skond is-sengha u l-arti u apparti dan kienx skond dak miftiehem *in toto* u fl-ahhar tikkonkludi jekk is-socjeta' konvenuta halsitx ghax-xoghol kollu li setgha gie fornit lilha u kien appuntu minhabba dan l-ezercizzju li din il-Qorti ghaddiet sabiex innominat lill-Espert Tekniku Martin Bajada.

Fil-fatt l-Espert Tekniku deher quddiem din il-Qorti nhar it-18 ta' April 2012 u pprezenta ir-relazzjoni tieghu (fol. 149) u minn ezami ta' l-istess l-espert ikkonkluda s-segwenti:

*a. "Li ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-partijiet dwar l-ammont ta' xoghol li sar fuq is-sit elettroniku.*
b. *Li hemm differenzi dwar id-deskrizzjonijiet u t-tifsira ta' elementi ta' xoghol imwettaq."*

Illi ghalhekk huwa ezamina d-dokumentazzjoni esebita, sema' x-xhieda imresqa mill-partijiet u dik li instemghet direttament mill-Qorti u dwar is-suespost ikkonkluda s-segwenti:

*a. "Ix-xoghol fuq is-sit elettroniku jirrizulta nkomplet u dan dovut ghad-disgwit li nqala' bejn il-partijiet.*
*b. Il-funzjonalita' tas-sit elettroniku ezaminat mill-esponenti huwa fi stadju avvanzat li jikkwalifika bhala BETA version, stadju fejn il-prodott jitqieghed ghall-analisi u testing finali qabel it-tnedija u l-uzu ghall-pubbliku ingenerali.*
*c. Li x-xoghol li sar mir-rikorrent kien wiehed skond il-hila u l-arti rikjesta mis-sena."*

Jghid pero' li d-differenzi bejn il-partijiet ma tirrizultax mill-funzjonalita' ahharija tas-sit elettroniku imma mill-estetika tal-istess sit elettroniku kif jirrizulta wkoll minn notament

tal-konsulent tas-socjeta' konvenuta Melvin Xuereb f'dokument ipprezentat minnu stess immarkat bhala Dokument MX 2. Fil-fehma ta' dan l-espert, l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti f'dan l-istadju huwa ta' erbat elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin Ewro centesmu (€4,625.45).

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg" (**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**)** li**:**

"**...***il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspet tekniku tal-materja taht ezami." (* **Philip Grima vs Carmleo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li "*ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, il-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli."*

Il-Qorti thoss li s-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda prova lill-Qorti sabiex tghina tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-Espert. Ma hemm l-ebda raguni li gravement

ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. Apparti l-eskussjoni tal-Perit Tekniku, is-socjeta' konvenuta ma pprevalitx ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Strahet biss fuq dak li kkonkluda l-istess perit salv li ghamlet xi domanda fejn talbitu jiccara certu punti sollevati minnu fir-relazzjoni. Din il-Qorti ma thossx li tista' facilment tispruna id-decizjoni ta' l-Espert nominat minnha minghajr l-assistenza ta' espert in materja peress li l-kapacitajiet taghha fil-materja ta' kompjuter huma limitati.

Inoltre il-Qorti ezaminat akkuratament ir-rapport tal-Espert Tekniku minnha mahtur, u rat illi l-Perit Tekniku sodisfacentement u adegwatament investa l-meritu u l-konkluzjonijiet illi wasal ghalihom u ssodisfa il-kwezit ta' natura teknika.

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta qeghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qeghda tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici somma ridotta u likwidata mill-Espert Tekniku fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin Ewro centesmu (€4,625.45).

L-ispejjez ta' din il-kawza u l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali ezekuttiva datata 11 ta' Jannar 2010 ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

L-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum - il-jum meta gie likwidat l-ammont dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------